MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANNA FELICE

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 989/2006

**Aronne sive Ronnie Barbara**

**vs**

**Raymond Mckay u martu Maria Nicholina maghrufa bhala Marlene Mckay**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-konvenuti Raymond Mckay u martu Maria Nicholina Mckay fejn dawn talbu li jiggustifikaw il-kontumacja taghhom.

Rat ir-risposta ta' Aronne sive Ronnie Barbara fejn, ghar-ragunijiet hemm spjegati dan oppona li l-Qorti tiggustifika l-kontumacja.

Rat l-affidavit prodotti.

Dawn il-Qrati kellhom hafna okkazjonijiet jezaminaw l-istitut ta' kontumacja u l-element ta' disprezz u nuqqas ta' rispett lejn il-Qorti li din necessarjament tikkomprendi. Bizzejjed wiehed jinnota dak li tenniet il-Qorti fil-kawza Vivian Charmanie Mizzi vs Carmel Mizzi (Appell 13 ta' Lulju 2001):

“L-istitut tal-kontumacja hu ntiz bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumecja u dispress da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa.”

U ukoll Paul Vella et noe vs Anthony Ellul (Prim Awla SP – 4 ta' Lulju 1991) “Din il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura punittiva necessarja biex tassigura serjeta' fil-proceduri u rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra propju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, hi tifhem li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata w interpretata b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da part ital-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-kolpa anki ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm l-ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata.”

Mill-affidavit prodotti mill-konvenuti li l-Qorti ma ghandha ebda raguni tiddubita mill-kredibilita' taghhom, stante li ma gew kontradetti bl-ebda mod ma jirrizulta ebda element ta' dik it-traskuragni li tesigi l-ligi qabel konvenut ikun imcahhad mid-dritt tieghu li jirrispondi ghal kawza migjuba kontrih.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talba tal-konvenuti kontenuta fir-rikors taghhom tal- 10 ta' Marzu 2009 u takkordalhom ghoxrin gurnata mil-lum biex jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom.

L-ispejjez ta' dan l-incident huma a karigu tal-istess konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------